**11 ta’ Awwissu**

## SANTA KJARA, VERĠNI

*Salmodija tal-ġimgħa i jmiss ...*

## IS-SEJĦA GĦAT-TIFĦIR ‘L ALLA

**V/.** Mulej, iftaħli xufftejja.
R/. U fommi jxandar it-tifħir tiegħek.

### Salm 94 (95)

**Ant.** Il-Mulej hu s-Sultan tal-verġni: ejjew nadurawh.

Ejjew, ħa nfaħħru bl-hena l-Mulej,
ħa ngħajjtu bil-ferħ lill-blata tas-salvazzjoni tagħna!
Nersqu quddiemu b'għana ta' radd il-ħajr,
ngħannulu b'għajat ta' ferħ.

**Ant.** Il-Mulej hu s-Sultan tal-verġni: ejjew nadurawh.

Għax Alla kbir hu l-Mulej,
sultan kbir fuq l-allat kollha.
F'idejh huma qigħan l-art,
tiegħu huma qċaċet l-għoljiet.
Tiegħu l-baħar, għax hu għamlu;
tiegħu l-art, għax b'idejh saret.

**Ant.** Il-Mulej hu s-Sultan tal-verġni: ejjew nadurawh.

Ejjew inqimuh u ninxteħtu quddiemu,
għarkubbtejna quddiem il-Mulej li ħalaqna!
Għaliex hu Alla tagħna,
u aħna l-poplu tal-mergħa tiegħu u n-nagħaġ tiegħu.

**Ant.** Il-Mulej hu s-Sultan tal-verġni: ejjew nadurawh.

M'hux li kontu llum tisimgħu leħnu!
"La twebbsux qalbkom bħal f'Meriba,
bħal dakinhar f'Massa, fid-deżert,
meta ġarrbuni u ttantawni missirijietkom,
għalkemm raw dak li jien għamilt.

**Ant.** Il-Mulej hu s-Sultan tal-verġni: ejjew nadurawh.

Għal erbgħin sena domt nistmellu dan in-nisel;
u jien għedt: 'Qalbu mħassra dan il-poplu,
u triqati ma jagħrfux.'
Għalhekk ħlift fl-għadab tiegħi:
Ma jidħlux fil-mistrieħ tiegħi!"

**Ant.** Il-Mulej hu s-Sultan tal-verġni: ejjew nadurawh.

Glorja lill-Missier, u lill-Iben, u lill-Ispirtu s-Santu.
Kif kien mill-bidu, issa u dejjem,
U jibqa' għal dejjem ta' dejjem. Ammen.

**Ant.** Il-Mulej hu s-Sultan tal-verġni: ejjew nadurawh.

## UFFIĊĊJU TAL-QARI

V/. O Alla, ejja eħlisni.
R/. Mulej, fittex għinni.

Glorja lill-Missier, u lill-Iben, u lill-Ispirtu s-Santu.
Kif kien mill-bidu, issa u dejjem,
u jibqa' għal dejjem ta' dejjem. Ammen. Hallelujah.

### INNU

F'din il-festa l-ġemgħa mqaddsa
b'innu ħelu tagħti xhieda
għas-sebħ kbir li Alla Sidna
ta fis-sema 'l din il-verġni.

Għaliex hi bla heda faħħret
lill-Mulej Ġesù, li ħabbha;
issa mal-qtajjiet tal-ġusti
qiegħda taqsam ferħ u hena.

Bil-modestja tagħha rażżnet
in-nuqqas tal-ġisem dgħajjef;
warrbet minnha l-ħajr tad-dinja,
sabiex timxi wara Kristu.

Għat-talb tagħha, Feddej twajjeb,
biegħed minna l-ħbit ta' l-għadu;
mill-waqgħat tad-dnub erfagħna,
żommna sħaħ bil-qawwa tiegħek.

Glorja lilek, Kristu Sidna,
Bin Marija, Omm u Verġni;
mal-Missier u ma' l-Ispirtu,
ġieħ jintraddlek, issa w dejjem. Ammen.

*Salmodija tal-ġimgħa i jmiss ...*

## LEZZJONI II

Qari minn Ittra ta’ Santa Kjara, verġni, lil Santa Anjeże ta’ Praga

*Ħares lejn il-faqar, l-umiltà u l-imħabba ta’ Kristu*

Hieni tassew il-bniedem li jingħatalu sehem mill-mejda mqaddsa, sabiex jingħaqad b’qalbu kollha ma’ Kristu, ma’ dak li bi ġmielu jgħaġġeb bla heda lill-qtajja kollha tal-qaddisin fis-sema, dak li jqanqal il-qlub bi mħabbtu u jġedded lil min iżomm ħarstu fuqu, jimla ‘l kulħadd bit-tjubija u l-ħlewwa tiegħu, u jsawwab dawl ħelu fuq min jiftakar fih, dak li bil-fwieħa ħelwa tiegħu l-mejtin jerġgħu jqumu għall-ħajja u bid-dehra glorjuża tiegħu jhenni l-ulied kollha ta’ Ġerusalemm tas-sema. Għax din id-dehra hi dija tas-sebħ ta’ dejjem, *raġġ mid-dawl ta’ dejjem u mera bla nikta*. Ħares kuljum lejn din il-mera, o Sultana, għarusa ta’ Ġesù Kristu, ara dejjem wiċċek fiha, biex tiżżejjen kollok kemm int minn ġewwa u minn barra, kollok mogħnija bil-ġmiel li jsebbħek bil-ward u l-ilbiesi ta’ kull virtù, kif jixraq lill-bint u għarusa l-iżjed safja tas-Sultan il-kbir. Din il-mera għandha turik ix-xbieha tal-faqar imbierek, ta’ l-umiltà mqaddsa u ta’ l-imħabba ta’ l-għaġeb; u hekk, bl-għajnuna tal-grazzja ta’ Alla, tkun tista’ tħares lejk innifsek fil-mera kollha.

Ħares lejn in-naħa ta’ fuq ta’ din il-mera, u ara l-faqar ta’ dak li kien imfisqi u mqiegħed fuq maxtura. X’umiltà, x’faqar ta’ l-għaġeb! Is-sultan ta’ l-anġli u Sid is-sema u l-art, mimdud fuq maxtura!

Ħares lejn in-naħa tan-nofs, u ara l-umiltà, jew għallinqas il-faqar imqaddes, it-taħbit bla qjies u t-tbatijiet li Kristu ġarrab biex jifdi l-bnedmin.

Ħares imbagħad lejn in-naħa t’isfel ta’ din il-mera, u ara l-imħabba bla tarf li biha Kristu għoġbu jilqa’ s-salib u jieħu mewt l-aktar mistkerrha.

Din il-mera, jiġifieri Kristu, minn fuq is-salib fejn kien imdendel kellem lil dawk li kienu għaddejjin minn quddiemu, u wissiehom biex jaħsbu fuq dawn il-ħwejjeġ kollha. Hu qalilhom: *Intom ilkoll li għaddejjin mit-triq, ħarsu u araw jekk hemmx niket bħan-niket tiegħi.* Inwieġbu b’leħen wieħed u ruħ waħda għall-għajat u t-tnehid tiegħu, u ngħidu: *Taħseb u tiftakar ruħi, u tinfena ġewwa fija.* Mela tħeġġeġ dejjem iżjed bin-nar ta’ l-imħabba, o Sultana tas-Sultan tas-sema.

Ġib ukoll quddiem għajnejk b’liema għaxqa ta’ l-għaġeb, b’liema għana u ġieħ jista’ jimlik għal dejjem, u x-xewqat u l-imħabba kbira ta’ qalbek iġġagħlek titniehed u tgħid: *Iġbidni warajk, ejja niġru wara r-riħa tgħaxxaq tal-fwiħat tiegħek,* Għarus tiegħi tas-sema. Ma negħjiex niġri, sa ma ddaħħalni għax-xorb ħelu tiegħek, inserraħ rasi fuq drieghek tax-xellug, tgħannaqni bil-leminija tiegħek, u l-bewsa ta’ fommok timlieni bil-hena. Int u taħseb f’dan kollu, ftakar ukoll fl-

omm imsejkna tiegħek, għax taf li jiena nqaxt għal dejjem it-tifkira ħelwa tiegħek f'qalbi, għax lilek ngħożżok fuq kulħadd.

**RESPONSORJU** Salm 72(73):26; Fil 3:8b

R/. Qegħdin jinfnew ġismi u qalbi: * Alla l-qawwa ta' qalbi u sehmi għal dejjem.
V/. Jiena ngħodd kollox bħala telf, biex nirbaħ lil Kristu, u nkun ninsab fih. * Alla l-qawwa ta' qalbi u sehmi għal dejjem.

## TALBA

Fil-ħniena tiegħek, o Alla, inti mlejt lil Santa Kjara bl-imħabba għall-faqar; bit-talb tagħha, agħtina li nimxu wara Kristu fl-ispirtu tal-faqar, biex narawk wiċċ imbwiċċ fis-saltna tas-sema. B'Ibnek Ġesù Kristu Sidna, li miegħek jgħix u jsaltan flimkien ma' l-Ispirtu s-Santu, Alla, għal dejjem ta' dejjem. Ammen.

Inbierku l-Mulej.
R/. Inroddu ħajr lil Alla.

## IT-TIFĦIR TA' SBIĦ IL-JUM

V/. O Alla, ejja eħlisni.
R/. Mulej, fittex għinni.
Glorja. Kif kien mill-bidu. Hallelujah.

## INNU

Bil-musbieħ mixgħul, o verġni,
dħalt fil-ferħ tat-tieġ ta' dejjem
mal-Ħaruf, Sultan tal-glorja,
li hu msebbaħ fl-ogħla sema.

Ġew jilqgħuk l-erwieħ qaddisa
ma'Ġesù, li rabtek miegħu
f'għerusija ħelwa w safja,
biex jagħnik bil-ġid ta' mħabbtu.

Kun għalina dawl tal-ħajja,
għinna bit-talb qawwi tiegħek,
ħalli nieqfu sħiħ u nirbħu
lit-tnassis ta' l-għadu tagħna.

Tgħinna wkoll Marija Ommna,
bit-talb tagħha quddiem Binha,
sabiex hi, mudell tal-verġni,
tieqaf magħna f'dan l-eżilju.

Ħa jinfexxu l-ħlejjaq kollha
f'għanja ta' tifħir lil Alla,
għax ta r-rebħ lill-verġni tiegħu
biex iżid il-ferħ fis-sema. Ammen.

*Salmodija tal-ġimgħa i jmiss ...*

## LEZZJONI QASIRA Għan 8:7

Ilmijiet kbar ma jaslu qatt biex jitfu l-imħabba, anqas ix-xmajjar ma jġorruha magħhom. Il-bniedem li jrid jagħti l-ġid kollu ta' daru biex jixtri l-imħabba, tmaqdir isib!

## RESPONSORJU QASIR

R/. Ejja, għedt f’qalbi, * Fittex lil wiċċu. Ejja.
V/. Jien wiċċek infittex, Mulej. * Fittex lil wiċċu. Glorja. Ejja.

Ant. tal-kantiku ta’ Żakkarija:
Din hi verġni bil-għaqal li marret għand Kristu, fejn issa tiddi fost il-qtajja’ tal-verġni bħax-xemx fost id-dwal kbar tas-sema.

Imbierek il-Mulej, Alla ta’ Iżrael, *
għaliex ġie jżur u jifdi l-poplu tiegħu,
u waqqaf għalina qawwa ta’ salvazzjoni *
f’dar David, qaddej tiegħu,
bħalma kien wiegħed fl-imgħoddi *
b’fomm il-profeti qaddisin tiegħu,
biex isalvana mill-għedewwa tagħna *
u minn idejn dawk kollha li jobogħduna.
B’hekk juri ħniena ma’ missirijietna, *
u jiftakar fil-patt qaddis tiegħu,
fil-ħalfa li ħalef lil Abraham missierna, *
li jagħtina
li, meħlusin minn idejn l-għedewwa tagħna, *
naqduh bla biża’
tul ħajjitna kollha, *
bil-ġustizzja u l-qdusija quddiemu.
U inti, tfajjel, tissejjaħ profeta ta’ l-Għoli; *
għax tmur qabel il-Mulej biex tħejjilu triqatu,
biex tgħarraf lill-poplu tiegħu bis-salvazzjoni, *
bil-maħfra ta’ dnubiethom,
ħierġa mill-qalb ħanina ta’ Alla tagħna, *
li jibagħtilna mill-għoli ż-żjara tax-Xemx tielgħa,
ħa jdawwal lil dawk li jinsabu
fid-dlamijiet u d-dell tal-mewt, *
ħa jmexxi l-passi tagħna fit-triq tas-sliem.
Glorja lill-Missier, u lill-Iben, *
u lill-Ispirtu s-Santu,
Kif kien mill-bidu, issa u dejjem, *
u jibqa’ għal dejjem ta’ dejjem. **Ammen.**

Ant. tal-kantiku ta' Żakkarija:
Din hi verġni bil-għaqal li marret għand Kristu, fejn issa tiddi fost il-qtajja' tal-verġni bħax-xemx fost id-dwal kbar tas-sema.

**PREĊI**

Nuru l-ferħ tagħna lil Kristu, l-għarus tal-verġni u l-premju tagħhom, u minn qalbna nitolbuh u ngħidulu:

*Ġesù, glorja tal-verġni, ismagħna.*

Kristu, il-qaddisin verġni ħabbewk bħala l-għarus waħdieni tagħhom:
- agħmel li xejn ma jifridna mill-imħabba tiegħek.
Int igglorifikajt lil Ommok Marija bħala Sultana tal-verġni:
- bit-talb tagħha għinna naqduk dejjem b'qalb safja.
Ilqa' t-talb li joffrulek għalina l-qaddejja verġni tiegħek, li b'qalbhom kollha kienu dejjem ħsiebhom fik, biex ikunu qaddisa f'ġisimhom u f'ruħhom:
- tħalli qatt li moħħna jixxerred fuq is-sura ta' din id-dinja li tgħaddi.
Mulej Ġesù, inti l-għarus tal-verġni għaqlin li qagħdu jishru u jistennewk:
- ħeġġeġ fina x-xewqa tiegħek, biex nishru u nistennewk bit-tama.
Tidħol għalina quddiemek Santa N., li kienet verġni bil-għaqal u għarfa:
- ieqaf magħna biex ngħixu fis-safa u l-għerf skond qalbek.

**Missierna**

## Talba

Fil-ħniena tiegħek, o Alla, inti mlejt lil Santa Kjara bl-imħabba għall-faqar; bit-talb tagħha, agħtina li nimxu wara Kristu fl-ispirtu tal-faqar, biex narawk wiċċ imbwiċċ fis-saltna tas-sema. B'Ibnek Ġesù Kristu Sidna, li miegħek jgħix u jsaltan flimkien ma' l-Ispirtu s-Santu, Alla, għal dejjem ta' dejjem. Ammen.

**Għeluq**
Il-Mulej iberikna, iħarisna minn kull deni, u jwassalna għall-ħajja ta' dejjem.
**Ammen.**

## L-GĦASAR

V/. O Alla, ejja eħlisni.
R/. Mulej, fittex għinni.
Glorja. Kif kien mill-bidu. Hallelujah.

## INNU

O Ġesù, premju tal-verġni,
ilqa' t-talb u t-tifħir tagħna,
Iben t'Omm li baqgħet verġni
fit-tnissil u t-twelid tiegħek.

Inti tirgħa fost il-ġilji,
bix-xebbiet madwarek jgħannu,
bħal għarus bil-glorja mżejjen,
hena ta' l-għarajjes tiegħek.

Kull fejn tmur, bil-verġni miegħek,
jimxu wrajk fi qtajja' hienja,
u flimkien, b'leħinhom ħlejju,
innijiet ta' ferħ jinsġulek.

Nitolbuk, Ġesù, li ssaħħaħ
fir-ruħ tagħna l-grazzja tiegħek,
biex inżommu bgħid minn qalbna
kull taħsir u dell ta' ħażen.

Glorja lilek, Kristu Sidna,
Bin Marija, Omm u Verġni;
mal-Missier u ma' l-Ispirtu,
ġieħ jintraddlek, issa w dejjem. Ammen.

*Salmodija tal-ġimgħa i jmiss ...*

## LEZZJONI QASIRA — 1 Kor 7:32b. 34a

Ir-raġel mhux miżżewweġ, ħsiebu fil-ħwejjeġ tal-Mulej, jiġifieri, kif jogħġob lill-Mulej. Hekk ukoll il-mara mhux miżżewwġa, u x-xebba,

ħsiebhom fil-ħwejjeġ tal-Mulej, jiġifieri, biex ikunu qaddisa f'ġisimhom u f'ruħhom.

## RESPONSORJU QASIR

R/. Il-verġni jittieħdu għand is-Sultan * B'għajat ta' ferħ u hena. Il-verġni.
V/. Jidħlu fil-palazz tas-Sultan. * B'għajat ta' ferħ u hena. Glorja. Il-verġni.

Ant. tal-kantiku ta' Marija:
Ejja, għarusa ta' Kristu, ħu l-kuruna li Sidek ħejjielek għal dejjem.

Ruħi tfaħħar il-kobor tal-Mulej, *
u l-ispirtu tiegħi jifraħ f'Alla s-Salvatur tiegħi,
għax hu xeħet għajnejh
fuq iċ-ċokon tal-qaddejja tiegħu. *
Iva, minn issa 'l quddiem
kull nisel jibda jsejjaħli hienja.

Għax is-Setgħani għamel miegħi ħwejjeġ kbar; *
qaddis hu l-isem tiegħu.
Il-ħniena tiegħu tinfirex f'kull żmien *
fuq dawk li jibżgħu minnu.

Hu wera l-qawwa ta' driegħu, *
xerred lil dawk li huma mkabbra f'qalbhom.
Niżżel is-setgħana minn fuq it-tron tagħhom, *
u għolla ċ-ċkejknin.
Mela b'kull ġid lil min hu bil-ġuħ, *
u l-għonja bagħathom 'il barra b'xejn.
Ħa ħsieb Iżrael, qaddej tiegħu, *
għax ftakar fil-ħniena tiegħu
- bħalma wiegħed lil missirijietna - *
b'riżq Abraham u nislu għal dejjem.
Glorja.

Ant. tal-kantiku ta' Marija:
Ejja, għarusa ta' Kristu, ħu l-kuruna li Sidek ħejjielek għal dejjem.

## PREĊI

Kristu faħħar lil dawk li jħarsu s-safa tagħhom minħabba s-saltna tas-smewwiet. Inroddulu ħajr, u b'talba umli ngħidulu:

*Ġesù, Sultan tal-verġni, ismagħna.*

Kristu, int għarrast miegħek lill-Knisja u ressaqtha quddiemek bħal xebba bla mittiefsa:
- żommha dejjem qaddisa u bla tebgħa.

Il-qaddisin verġni ħarġu jilqgħuk bl-imsiebaħ mixgħula f'idejhom:
- tħalli qatt li l-imsiebaħ tax-xebbiet ikkonsagrati lilek jonqoshom iż-żejt tal-fedeltà.

Il-Knisja tiegħek baqgħet dejjem verġni u fidila fir-rabta sħiħa u safja tagħha miegħek:
- agħti d-don ta' fidi sħiħa u safja lill-insara kollha.

Għall-grazzja tiegħek aħna llum qegħdin nifirħu bil-festa tal-verġni Santa N.
- agħtina dejjem l-għajnuna tat-talb li toffrilek għalina.

Inti lqajt ix-xebbiet qaddisa għall-mejda tat-tieġ tiegħek fis-sema:
- fit-tjieba tiegħek daħħal ukoll lil ħutna l-mejtin għal din il-festa ta' dejjem.

**Missierna**

## Talba

Fil-ħniena tiegħek, o Alla, inti mlejt lil Santa Kjara bl-imħabba għall-faqar; bit-talb tagħha, agħtina li nimxu wara Kristu fl-ispirtu tal-faqar, biex narawk wiċċ imbwiċċ fis-saltna tas-sema. B'Ibnek Ġesù Kristu Sidna, li miegħek jgħix u jsaltan flimkien ma' l-Ispirtu s-Santu, Alla, għal dejjem ta' dejjem. Ammen.

## Għeluq

Il-Mulej iberikna, iħarisna minn kull deni, u jwassalna għall-ħajja ta' dejjem. **Ammen.**